

# Mitt Sena ta' M.U.S.E.U.M. fl-Isla[1]

minn Mons. Anton Gouder

Kieku dan l-artiklu qed jiktbu minfloki wieħed mill-aħħar Papiet bejn Pawlu VI u Franġisku, kieku faċilment l-isem ta' din il-kitba kien ikun:

## Mitt Sena ta' Evanġelizzazzjoni Ġdida fl-Isla

Evanġelizzazzjoni ġdida ma tfissirx tagħlim ġdid, speċjalment fejn jidħlu l-veritajiet ewlenin tal-fidi tagħna. Evanġelizzazzjoni ġdida tfisser metodi ġodda u ambjenti ġodda fejn titwassal l-aħbar it-tajba tal-Evanġelju. U dak li ġara fil-parroċċa tagħna minn Novembru 1916 'il quddiem permezz tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. Beda jsir tagħlim kuljum lit-tfal, żgħażagħ u kbar minn membri tal- M.U.S.E.U.M li kienu lajċi. Dawn il-membri tal-M.U.S.E.U.M kienu jiltaqgħu kuljum huma stess biex jitgħallmu. Il-laqgħa tagħhom tissejjaħ 'Assenjatur', għaliex ma kinux jitgħallmu fuq x'jiġi f'moħħhom, imma fuq is-suġġetti li kienu jkunu assenjati lilhom skont il-programm.

L-Evanġelizzazzjoni kienet ġdida għaliex kienet ħaġa ġdida fil-Knisja li lajċi, il-maġġoranza tagħhom ħaddiema, jingħaqdu u jgħallmu. Din hija l-armata li waqqaf Dun (illum San) Ġorġ Preca fl-1907 biex tevanġelizza kull belt u raħal f'Malta u Għawdex u f'bosta pajjiżi oħra fid-dinja.



Dun Ġorġ Preca, il-fundatur, u Ewġenju Borg, l-ewwel Superjur Ġenerali, tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija

### Profezija fuq l-Isla minn Dun Ġorġ

Din l-opra ta' Dun Ġorġ fl-Isla bdiet bi profezija minn Dun Ġorġ stess. Kien żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija 1914-1918. Dun Ġorġ, li dak iż-żmien kellu 36 sena, kien flimkien ma' erba' soċji żgħażagħ, fosthom Camillo Cozzo, ix-xatt tal-Belt. Sejjaħ lil wieħed bid-dgħajsa biex imorru jżuru bastiment tal-gwerra Franċiż li kien sorġut taħt is-swar tal-Furjana. Il-bastiment kien jismu *Jean Bart*. Waqt li kienu għaddejjin minn quddiem il-Ponta tal-Isla, Dun Ġorġ qalilhom: "Is-Sinjur Alla se jiftaħ id-dar tal-M.U.S.E.U.M. fl-Isla u se jinqeda bis-serv tiegħu Henry Mahoney."



Henry Mahoney – l-ewwel Superjur fil-qasam tal-Isla

Hekk ġara, għax ftit wara nfetaħ il-M.U.S.E.U.M. tas-subien u l-ewwel Superjur kien proprju s-soċju Henry Mahoney. Baqgħu sejrin fuq il-bastiment biex iżuruh. Tawhom permess u l-kaptan laqagħhom bir-rispett u dawwarhom il-bastiment kollu. Xħin niżlu, Dun Ġorġ qalilhom: "Dan il-bastiment ma jegħriqx għax tlajt fuqu jien u l-anġlu kustodju tiegħi". Fil-fatt hekk kien ġara għax spiċċat il-gwerra u l-bastiment *Jean Bart* ma għeriqx.[2]

1 Qed nitkellmu fuq mitt sena mindu fetħet is-Sezzjoni Maskili fl-Isla, għaliex is-Sezzjoni Femminili fetħet sentejn qabel, jiġifieri fis-7 ta' Awwissu 1914.

2 Farrugia, Alex, "Dun Ġorġ Preca u l-Isla," f'*L-Isla: Leħen il-Parroċċa*, Mejju-Ġunju, 2001, p. 3.



## FEJN KIENU L-OQSMA TAL-M.U.S.E.U.M.

Dan l-ewwel qasam fetaħ fi Triq Sant'Ursola u s-Superjur Mahoney dam Superjur disa' snin, sal-1925. Veru li l-bastiment *Jean Bart* ma għeriqx fil-gwerra, imma l-qasam ta' Strada Sant'Ursola ntlaqat bil-bombi waqt l-attakk tas-16 ta' Jannar 1941 u ma setax jibqa' jintuża. Allura, is-soċji ġabru dak li setgħu mit-tifrik u marru f'qasam ieħor, din id-darba f'nru 171, Triq iż-Żewġ Mini fejn baqgħu sal-aħħar tal-gwerra (1943).

It-tielet qasam kien f'nru 49, Triq San Pietru u San Pawl fejn dam sal-1949. Imbagħad mexa f'nru 54, Triq id-Duluri fejn dam għal 43 sena sħaħ. Din id-dar għandha rabta speċjali mas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. għaliex f'din id-dar, fl-24 ta' Lulju 1886 twieled Ewġenju Borġ[3]. Dam jgħix fiha sakemm kellu tmien snin meta mbagħad il-familja marret toqgħod il-Ħamrun.

Ewġenju sar l-aktar soċju maħbub ta' Dun Ġorġ. Kien isejjaħlu Ġeġè u sar ukoll l-ewwel Superjur Ġenerali tal-M.U.S.E.U.M.[4] Fl-1997 l-Arċidjoċesi ta' Malta ddeċidiet li tiftaħ il-kawża għall-beatifikazzjoni ta' dan is-Senglean. Fl-opinjoni tiegħi, hija ħasra li s-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. fl-1983 telqet dan il-post minn idejha u marret f'qasam ieħor f'137, Triq il-Vitorja. Kien ikun xieraq li billi dan il-post għandu rabta storika u sentimentali qawwija mas-Soċjetà, jiġi akkwistat minnha.



Is-Superjur Ġużeppi Baron idoqq l-accordion waqt il-purċissjoni ta' lejliet il-Milied, quddiem il-presepju li kien jintrama' fil-pjazza 4 ta' Settembru



Bandalora antika tal-qasam tal-Isla li kienet tintuża fil-purċissjoni ta' Corpus u f'okkażjonijiet oħra

Il-Providenza taħseb hi, għaliex il-familja li daħlet tgħix f'dan il-post għandha venerazzjoni qawwija lejn il-M.U.S.E.U.M., u l-missier f'din il-familja huwa n-neputi ta' Lewis Endrich, ex-soċju, Senglean ieħor u dak li, skont Dun Ġorġ, kien il-Fundatur tal-Fergħa Kooperaturi M.U.S.E.U.M.[5]

## IS-SUPERJURI TAL-ISLA

Minn wara s-Superjur Henry Mahoney sal-2009, il-qasam tal-Isla kellu tlettax-il Superjur ieħor. Wieħed minnhom, Ġużi Baron, kien Superjur darbtejn, bejn l-1946 u l-1961 u bejn l-1966 u l-1983. B'dan il-mod, Ġużi Baron kien ukoll is-Superjur li serva l-itwal żmien f'dan il-qasam, 32 sena, aktar minn terz taż-żmien li ilu miftuħ

3 V.D.C.F.E., "Membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija Sengleani ta' Ġieħ għal Belthom," f'*L-Isla: Leħen il-Parroċċa, Ħarġa Speċjali*, Settembru-Ottubru, 2004 p. 15.

4 Mit-twaqqif tagħha fl-1907 sal-lum, 109 snin, is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. kellha biss erba' Superjuri Ġenerali. Tnejn minnhom, Ewġenju Borg (sal-1967) u Victor Delicata (1983-2009) kienu Sengleani.

5 V.D.C.F.E., *op. cit.*, pp. 15-16.

il-qasam tal-Isla. Il-figura ta' dan is-Superjur ma tmurli qatt minn quddiem għajnejja, kuljum fil-5.35 p.m. għaddej mgħaġġel, kważi jiġri, minn quddiemna, fi Triq San Ġużepp, biex wara x-xogħol u jkun kiel xi ħaġa bl-għaġla, jiftaħ u jmexxi l-qasam.

Ġużi, minbarra din il-vokazzjoni/missjoni fil-M.U.S.E.U.M. kien ukoll pilastru kbir għall-Arċiprieti tal-Isla f'dak kollu li kienu jixtiquh jgħinhom. Minbarra s-Superjur Salvatore Robinich, Senglean li dam sbatax-il sena Superjur (1929-1946), is-Superjuri l-oħra kollha għamlu perjodu qasir.[6] Wara s-Superjur Baron, is-Superjuri kollha u bosta mis-soċji li kienu jservu fil-qasam, kienu jiġu minn barra mill-Isla, sagrifiċċju doppju għalihom.

Fl-2009, is-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. iddeċidiet li tgħaqqad flimkien it-tliet oqsma tal-Kottonera. Deċiżjoni li ma xtaqha ħadd, la l-familji, la l-M.U.S.E.U.M. u lanqas il-parroċċa. Imma r-raġuni ma tridx forza. In-nuqqas ta' tfal u n-nuqqas ta' vokazzjonijiet wasslu għal din ir-realtà.

## KURAĠĠ DAQS TAL-MARTRI

Xtaqt nispiċċa dan l-artiklu, b'dik il-ġrajja li jiena nqis bħala l-isbaħ waħda fl-istorja tal-M.U.S.E.U.M. fl-Isla. Meta l-Isla tfarrket fl-attakk tal-*Illustrious*, is-Superjur Ġenerali, Ewġenju Borg, sejjaħ lis-soċji tal-Isla ħalli jkompli jieħdu ħsieb it-tfal li kien baqa' fl-Isla. Dawn, b'ġenerożità u sagrifiċċji kbar, kienu jgħallmu lit-tfal, imbagħad jorqdu fix-xelter.

Trid tkun Superjur b'fidi daqs il-muntanja (mhux daqs iż-żerriegħa tal-mustarda) u b'fibra morali tal-azzar biex tgħid lis-soċji dan il-kliem. Fi kliem ieħor qallhom, "Oqogħdu l-Isla b'periklu kbir għal ħajjitkom, biex tibqgħu twasslu t-tagħlim tal-fidi lit-tfal tal-Isla." U dawn is-soċji kellhom kuraġġ daqs tal-martri meta aċċettaw u obdew dak li qalilhom is-Superjur Ġenerali, li baqgħu fil-periklu tal-attakki tal-għadu flok dabbru rashom fl-ibliet u l-irħula tal-bogħod. Il-periklu kienu jarawh kuljum madwarhom.

Kif ħadd qatt ma ftakarhom lil dawn il-qalbiena?! Jaħulkom Alla l-Imbierek u biżżejjed.

**Grazzi, Dun Ġorġ Preca. Grazzi lis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. u grazzi lil tant Superjuri u soċji li ħadmu f'din l-għalqa tal-Mulej, il-Parroċċa tagħna, Senglea.**



Purċissjoni tal-Ewwel Tqarbina tal-1953 qalb il-bini mwaqqa' fi Triq il-Vitorja

6 Lawrence Abela (1925-?), Toussaint Briffa (?-1929), Joseph Camilleri (1961-66); Michael Darmanin (1983-88); John Mifsud (1988-92); Carmel Camilleri (1992-3); Michael Sciberras (1993-5); Joe Psaila (1995-6); Alexander Farrugia (1996-2003), Matthew Agius (2003-5) u Joseph Falzon (2006-9).